4 ta' Marzu, 1948.

Imħallef:

L-Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, LL.D.

Avukat Gabriele Castorina ne. *versus* Natale Turco

**Mandat ta' Impediment ta' Safar — Penali — Art. 869 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili.**

*Jekk frustier jottjeni mill-Qorti Tagħna l-ħruġ ta' mandat ta' impediment tas-safar biex jikkawtela pretensjoni li ma taqax fil-kompetenza tal-Qorti Tagħna, li għalhekk ma jkunux jistgħu jieħdu konjizzjoni tagħha, jottjeni dak il-mandat b'qerq u vessatorjament; u għalhekk jirrendi ruħu passibili għall-penali.*

L-attur fit-taħrika qal illi l-konvenut fl-20 ta' Frar 1948 ottjena l-ispedizzjoni minn dina l-Onorabbli Qorti ta' mandat ta' impediment tal-partenza tiegħu u tal-bastiment "Adelaide", li tiegħu huwa l-armatur, u dana fuq il-pretensjoni li l-konvenut kellu jieħu minn għandu s-somma ta' £700, ekwivalenti għall-ammont ta' liri Taljani riżultanti favur tiegħu minn kontijiet magħmula dwar operazzjonijiet kummerċjali

fl-interess komuni (dok. A u B); u illi din il-Qorti ma għandhiex kompetenza minħabba nuqqas ta' ġurisdizzjoni biex tiġġudika dwar il-pretensjoni dedotta mill-konvenut fl-imsemmija mandati, għar-raġunijiet imsemmija fid-dikjarazzjoni; u illi l-konvenut ma setax ma kienx jaf li huwa ma jistax jiftiex lilu quddiem it-tribunali ta' Malta fuq il-pretensjoni msemmija; u għalhekk l-imsemmija mandati huma vessatorji, u kkaġunaw danni lilu peress li huwa u l-bastiment tiegħu kienu lesti biex isiefru minn Malta; u talab li, wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti meħtieġa, (1) jiġu revokati minn din il-Qorti l-mandati ta' l-impediment tal-partenza tiegħu u tal-bastiment "Adelaide" maħruġa minn dina l-Qorti fl-20 ta' Frar 1948, fuq ir-rikors tal-konvenut, stante n-nuqqas ta' kompetenza minħabba difett ta' ġurisdizzjoni tal-Qrati Maltin biex jiġġudikaw dwar il-pretensjoni hemmhekk dedotta mill-konvenut, u (2) il-konvenut jiġi kundannat iħallsu dik is-somma li tiġi stabbilita minn dina l-Qorti in linea ta' penali in vista tan-natura vessatorja ta' l-istess mandati ta' impediment ta' safar fuq imsemmija. Salva kwalunkwe azzjoni oħra kompetenti lilu għad-danni; u bl-ispejjeż kontra l-konvenut;

Il-Qorti tirrileva li l-pretensjoni kawtelata bil-mandati in kwistjoni ġiet dedotta mill-konvenut bit-taħrika numru 109 tal-kawża bejn l-istess partijiet bil-maqlub, maqtugħa l-lum b'sentenza ta' din il-Qorti. B'dik is-sentenza l-Qorti ddikjarat li ma kellhiex ġurisdizzjoni biex tisma' u taqta' dik il-kontroversja, u għalhekk ħelset lill-konvenut, li huwa attur f'din il-kawża, mill-ħarsa tal-ġudizzju. Għaldaqstant, la l-kawża waqgħet minħabba nuqqas ta' ġurisdizzjoni tal-Qorti, il-mandati kawtelatorji relativi għal dik il-pretensjoni lanqas ma jistgħu jinżammu, u għalhekk l-ewwel talba għandha fundament tajjeb fil-fatti u fil-liġi;

Fuq it-tieni talba l-Qorti tosserva li skond l-art. 869 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili "jekk jinstab li l-mandat ta' l-impediment tas-safar ġie meħud mir-rikorrent fuq talba magħmula bil-qerq, huwa jiġi kundannat għall-ħlas ta' penali f'somma li tiffissa l-Qorti skond iċ-ċirkustanzi. F'dan il-każ il-Qorti tista' tordna li l-penali tiġi mħallsa lill-persuna li kontra tagħha, jew kontra l-bastiment tagħha jew biċċa oħra tal-

baħar, il-mandat ikun bareġ, bħala minn kull azzjoni għaddanni u l-imgħaxijiet. Il-pena li fl-ebda każ ma għandha tkun iżjed minn £100 jew anqas minn £20";

X'kienu l-fatti li taw lok għall-pretensjoni tal-konvenut kien magħruf biżżejjed mill-konvenut stess, kif deher sew mix-xhieda tiegħu kemm mid-dikjarazzjoni li għamel mattaħrika fil-kawża fuq il-pretensjoni tiegħu kontra l-attur ta' din il-kawża preżenti; u minn dak li ġie dikjarat fiż-żewġ okkażjonijiet ma jidher l-ebda element li jirradika l-kompetenza ta' din il-Qorti. Għaldaqstant il-konvenut ebda raġuni ma kellu biex jitlob il-mandat ta' l-impediment tas-safar, meta kien ċar li l-Qorti ma kienetx kompetenti. Anzi, li kieku fir-rikors tal-mandat ġiet indikata sewwa l-pożizzjoni tal-partijiet rigward il-pajjiż ta' l-oriġini u ta' l-eżekuzzjoni effettiva ta' l-obligazzjoni mahluqa bil-pretiża assoċjazzjoni, il-Qorti ma kienetx toħroġ il-mandat fil-għama, fuq is-sempliċi talba tal-konvenut. Il-konvenut kien hawn għal ftit żmien biss, u l-attur kien jinsab hawn b'kumbinazzjoni; u t-tnejn joqogħdu fi Sqallija; il-bastiment minn hawn kien destinat għal Sqallija; u kif huwa notorju, fi Sqallija hemm tribunali li jiffunzjonaw. Għalhekk il-konvenut ma kellux għalfejn jipproċedi kontra l-attur fit-tribunali ta' Malta; u wisq anqas ma kellu dritt jitlob il-ħruġ tal-mandat ta' l-impediment tas-safar. U tabilħaqq, ir-raġuni li semma, li taħt il-liġi Taljana għal-mandat ta' l-impediment tas-safar ta' bastiment teħtieġ garanzija, ma kienetx tiġġustifikh jipproċedi bil-mandat hawn Malta, fejn il-garanzija mhix imposta ħlief fil-każ li fuq domanda ta' l-eżekutat il-Qorti, fil-każi speċifiċi, tordnaha b'sentenza. Il-konvenut stess seta' jikkawtela ruħu fi Sqallija bil-mezzi li l-liġi ta' dak il-pajjiż tagħtih skond il-każ. Taħt dawn iċ-ċirkustanzi l-mandati ta' l-impediment kienu vessatorji, u għalhekk maqlugħa b'qerq;

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti taqta' l-kawża billi tilqa' t-talbiet, u tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-attur penali ta' £20, u l-ispejjeż kollha ġudizzjarji.

---